MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tal-31 ta' Mejju, 2013

Citazzjoni Numru. 623/2007

**Carmel, Anthony, Joseph, Saver u Paul, aħwa Said.**

**-vs-**

**Gaetano u Polly *sive* Pauline konjuġi Pirotta, bħala ġenituri tal-minuri Brian Pirotta, u personalment għal kull interess li jista' jkollhom; u b'digriet tas- 7 ta' Novembru 2011 l-atti f'isem Pauline Pirotta ġew trasfużi f'isem iż-żewġ uliedha, u ċjoe' l-minuri Maria Pirotta kif debitament rappreżentata minn missierha Gaetano Pirotta, kif ukoll f'isem Brian Pirotta bħala eredi tagħha *stante* li l-istess Pauline Pirotta mietet fil-mori tal-kawża; u b'digriet tas- 16 ta' Marzu 2012 Brian Pirotta assuma l-atti f'ismu proprju *stante* li llum huwa maġġorenni.**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ġuramentat ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2007 li permezz tiegħu l-attur ppremetta:

Illi huma s-sidien tal-fond f'numru 37 u 38 fi Triq Santa Marija, f'Ħal Qormi.

Illi dana l-fond kien mikri lil ċertu Charles Said li kien instab mejjet fil-fond imsemmi fid- 29 t'Ottubru tal-2006.

Illi l-istess Charles Said kien jgħix fil-fond tar-rikorrenti waħdu.

Illi l-intimati konjuġi Pirotta qed jippretendu u jallegaw li mal-istess Said kien jirresjedi binhom Brian Pirotta li għadu minorenni.

Illi l-esponenti jafu sewwa li dan mhux minnu u qed jikkontestaw din il-pretensjoni, tant li qed isostnu li l-intimati personalment u nomine m'għandhom l-ebda titolu.

Illi għal kull buon fini u effetti legali l-intimati ġew interpellati biex jbattlu l-fond u jikkonsenjaw iċ-ċwievet tal-fond lill-esponenti *stante* li l-aħħar skadenza tal-kirja mħallsa kellha tagħlaq fis-26 ta' Mejju u huma baqgħu inadempjenti.

Għaldaqstant jgħidu l-intimati l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara illi l-kirja tal-fond numru 37/38, Triq Santa Marija, f'Hal Qormi, spiċċat fis-26 ta' Mejju 2007;

2. tiddikjara illi l-intimati la personalment u lanqas nomine m'ghandhom l-ebda titolu għall-kirja ta' dan il-fond u;

3. tikkundannhom sabiex jiżgumbraw mill-istess fond fi żmien qasir u perentorju u jgħaddu ċ-ċwievet tiegħu lir-rikorrenti.

Bl-ispejjeż tal-preżenti kontra l-intimati minn issa nġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-atturi u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuti, Gaetano u Polly *sive* Pauline konjuġi Pirotta f'isimhom peronsali, ippreżentata fit- 12 ta' Marzu 2008, li permezz tagħha eċċepew:

Illi preliminarjament l-eċċipjenti f'isimhom personali mhumiex il-leġittimi kontraditturi u għalhekk għandhom jinħelsu mill-osservanza tal-ġudizzju bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti *stante* illi l-eċċipjenti f'isimhom personali qatt ma vvantaw xi dritt jew kellhom pretensjoni fuq il-fond mertu tal-każ u dejjem aġixxew biss in rappreżentanza tal-intimat binhom Brian Pirotta illi dak iż-żmien kien minorenni, kif jidher ċar miċ-ċedola ta' depożitu bin-numru 1600/07;

Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti in kwantu diretti lejn l-intimati esponenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenuti, Gaetano u Polly *sive* Pauline konjuġi Pirotta, u l-lista tax-xhieda.

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut, Brian Pirotta illi għalaq tmintax-il sena fis-27 ta' Novembru 2007, ippreżentata fit- 12 ta' Marzu 2008, li permezz tagħha eċċepixxa:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u għandhom jiġu miċħuda bl-ispejjeż kontra l-istess rikorrenti peress illi l-eċċipjenti għandu titolu validu ta' lokazzjoni skond il-liġi *stante* illi huwa membru tal-familja tal-inkwilin preċedenti Charles Said u kien jabita miegħu meta miet, kif ser jiġi ppruvat fil-kawża;

Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrenti.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut, Brian Pirotta, u l-lista tax-xhieda.

Semgħet il-provi;

Rat l-atti proċesswali kompriżi l-affidavits;

Rat in-noti tas-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Rat il-verbal tas-seduta tal-20 ta' Marzu 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza wara li saret it-trattazzjoni mid-difensuri rispettivi;

Ikkunsidrat;

Illi kif jidher mir-rikors promotur l-atturi qed jitolbu l-iżgumbrament tal-konvenut mill-fond imsemmi fl-istess rikors; il-konvenut Brian Pirotta qed jeċċepixxi illi għandu titolu ta' lokazzjoni skond il-Kap 69 tal-Liġijiet ta' Malta billi huwa kien jgħix ma' żijuh Ċarmelo Said meta dan miet fid-29 ta' Ottubru 2006.

Illi rigward l-eċċezzjoni li l-konvenuti konjuġi Pirotta m'humiex leġittimi kontraditturi huwa evidenti li huma ġew imħarrka bħala rappreżentanti legali ta' binhom li kien għadu minuri meta ġiet intavolata l-kawża, u allura din l-eċċezzjoni m'hijiex ġustifikata.

Illi huwa evidenti wkoll li l-kawża odjerna trid tiġi deċiża fuq kwistjoni ta' fatt u allura l-eżitu tagħha jiddependi fuq liema mill-verżjonijiet li ressqu l-partijiet hija l-aktar kredibbli.

Illi l-attur, **Carmelo Said,** jgħid fl-affidavit tiegħu:

*"Illi jiena nagħmel użu minn garaxx fi Triq Santa Maria, f'Ħal Qormi, li huwa bieb ma' bieb mal-fond tagħna li fih kien joqgħod Ċharles Said. Dana l-garaxx jiena nużah biex indaħħal il-karozza tiegħi hemmhekk.*

*Illi meta Charles Said kien għadu ħaj jiena ta' sikwit kont niltaqa' miegħu, u ġieli għamilt siegħat nitkellem miegħu fuq ħafna affarijiet. Fost dak li kien jgħid hu kien jilmenta li ħadd m'għandu miegħu u li dejjem jorqod waħdu, u jekk jiġrilu xi ħaġa m'għandu lil ħadd biex jgħinu. Dana fil-fatt hekk ġara għax meta sirt naf li kien ġie nieqes, kienet sabitu oħtu xi ġurnata wara u kienet hi li bagħtet għall-pulizija.*

*Illi niftakar li jiena u Charles Said konna naħdmu flimkien fix-'Shipbuilding' u meta kien spiċċa mix-xogħol naf li kien qed jagħmel xi ħaġa mal-kunsill lokali tal-Ħamrun. Kif għidt qabel qatt ma semmili li kellu lil xi ħadd jgħix miegħu. Fil-fatt minkejja l-ħafna drabi li kont nagħmel użu mill-garaxx ta' ħdejh jien qatt ma nzertajt lil xi ħadd id-dar ma' Charles Said.*

*Illi lil Charles Said kont niltaqa' miegħu spiss, ħdejn il-bieb, pero' dejjem kien ikun waħdu. Niftakar li huwa kellu żewġ karozzi u dawna kien idaħħalhom minn remissa u kien iħallihom fil-bitħa ħdejn xulxin. Dawna ġieli rajthom b'għajnejja meta jkollu l-bieb tar-remissa miftuħ. Minkejja dan jiena qatt ma rajt xejn li kien jindika li kien jgħix miegħu xi ħaddieħor. Kont nifhem li Charles Said kien jagħmel kollox waħdu, anke ġieli nzertajtu jaħsel waħdu."*

Illi da parti tiegħu ħuh, **Paul Said,** jgħid:

*"Illi l-familja tagħna tikkonsisti f'ħames aħwa lkoll irġiel. Jien niftakar il-fond mertu tal-kawża u naf li dejjem kien abitat. Kien użat minn familja jew tnejn anki fl-istess ħin. Illum naf ukoll li l-fond, jew parti minnu, huwa rekwiżizzjonat bin-numru 43918. Dana peress li s-Segretarju tad-Djar kien bagħat għalija biex ikellimni. Dan kien peress li xi persuni fil-bżonn innotawh magħluq u mhux okkupat min-nies. Jiena kont mort tkellimt mas-sur Mario Micallef u nfurmajtu b'din il-kawża.*

*Illi niftakar li missieri, fi żmien, kien kera dan il-fond sħiħ u kbir, kollu lill-familja ta' Charles Said, ċjoe' lill-missier Charles Said. Dawna damu jgħixu fil-fond għal għexieren*

*ta’ snin sakemm kien baqa’ biss Carmelo sive Charles Said.*

*Illi dana Charles Said miet dan l-aħħar fl-2006. Huwa kien jgħix waħdu fil-fond kollu, tant li kien miet waħdu u kien ddaħħlu l-pulizija fil-każ, u billi kien instab mejjet kien sar rapport mill-ġirien jew qraba li kien sabuh mejjet fil-fond, waħdu.*

*Illi ngħid li dan Charles Said qabel ma miet kien iħallas il-kera lilna u speċjalment lil ħija Joseph li jirresjedi f’Ħaż-Żabbar.*

*Illi sa fejn naf jiena dan Charles Said qatt ma semma’ xejn dwar xi qarib li kien jirresjedi miegħu fil-fond. Għalhekk jien ngħid li Charles Said fil-post għix u miet waħdu.”*

Il-konvenut, **Brian Pirotta,** fl-affidavit tiegħu qal illi:

*“Jiena noqgħod fid-dar bin-numru 39, Triq Sant Marija, Qormi filwaqt illi l-ġenituri tiegħi Gaetano u Pauline Pirotta joqogħdu f’dar oħra bin-numru 478, Triq il-Vitorja, Qormi. Jiena ilni noqgħod fid-dar ġewwa Triq Santa Marija minn mindu kelli madwar ħames snin li dak iż-żmien kienet ir-residenza tan-nanniet tiegħi, il-ġenituri t’ommi, George u Saveria Said u kif ukoll taz-ziju Ċharles Said ħu ommi, illi baqa’ ġuvni (ċertifikat tat-twelid t’ommi anness Dok BP2 u ċertifikat tat-twelid taz-ziju anness Dok BP3).*

*Minn mindu kont ċkejken kont inqatta’ ħafna ħin id-dar tan-nanniet u ġieli wkoll norqod hemm. Maż-żmien, wara illi għalaqt ħames snin bdejt ngħix man-nanniet illi kienu jħobbuni daqs li kieku kont it-tifel tagħhom. Minħabba li d-dar tal-ġenituri tiegħi qiegħda biss kantuniera ’l bogħod, ommi u missieri ma kellhomx problema illi jien ngħix man-nanniet u maz-ziju. Fil-fatt il-ġenituri tiegħi kienu jqattgħu ħafna ħin id-dar tan-nanniet u ta’ spiss kienu jiġu għandna għall-ikel. Wara l-iskola u l-mużew kienu jiġu sħabi fejn id-dar u konna nilgħabu fl-isqaq faċċata tad-dar. Fil-fatt sħabi jafu illi kont ngħix flimkien man-nanniet u z-ziju fid-dar ġewwa Triq Santa Marija u mhux mal-ġenituri tiegħi fi Triq il-Vitorja;*

*In-nannu George miet fl-1998, meta jien kelli xi disa' snin (ċertifikat tal-mewt anness Dok BP4) u n-nanna Saveria mietet fl-2004 meta kelli ħmistax-il sena (ċertifikat tal-mewt anness Dok BP5) u wara l-mewt tagħhom jien bqajt ngħix fid-dar ġewwa Triq Santa Marija flimkien maz-ziju;*

*Speċjalment wara li mietet in-nanna il-faċendi tad-dar kienet tiġi tagħmilhom ommi. Għat-tisjir, ħasil ta' ħwejjeġ u dak kollu li kien hemm bżonn kemm għalija u kif ukoll għaz-ziju, kienet tieħu ħsieb ommi. Fil-fatt wara x-xogħol missieri kien ta' kuljum jibqa' ġej id-dar li fiha kont ngħix flimkien maz-ziju, sabiex nieklu kollha flimkien. Għalkemm fil-kważi tlett snin li dam ħaj iz-ziju wara l-mewt tan-anna kienu jqattghu ħafna ħin hemm, ommi, missieri u oħti Maria (ċertifikat tat-twelid anness Dok BP6) huma dejjem kienu jitilqu sabiex jmorru jorqdu f'darhom ġewwa Triq il-Vitorja.*

*Niftakar illi anke' meta kienet għadha ħajja n-nanna, iz-ziju kellu xi nkwiet ma' xi wħud mill-aħwa Said li fetħulna din il-kawża. L-aħwa Said jiġu l-kuġini tiegħu u ta' ommi. Niftakar illi xi ħadd mill-aħwa Said ma ridux liz-ziju jipparkja l-karozza fir-remmissa li hemm ħdejn id-dar, għax kellhom xi garaxx f'dawk l-inħawi. Saħansitra kienu wkoll spiċċaw il-Qorti. Ħlief għal wieħed mill-aħwa Said, iz-ziju ma kienx imur tajjeb magħhom u rari kien ikellimhom. Naf illi z-ziju flimkien ma' missieri kien imur iħallas il-kera għand wieħed mill-aħwa Said li naħseb kien l-uniku wieħed li ma kien miġġieled maz-ziju. Mhux veru kif qalu fl-affidavits tagħhom, l-aħwa Said kienu ħbieb maz-ziju. Iz-ziju ħabib wieħed veru kelu, Vinċe Tonna, li kien jaħdem miegħu it-Tarzna u li ta' spiss kien jiġi d-dar tagħna jżur liz-ziju.*

*Iz-ziju miet il-Ħadd 29 t'Ottubru 2006. Niftakar illi qomt fil-għodu u kuntrarju għal dak li jiġri s-soltu, iz-ziju kien għadu rieqed. Is-soltu dejjem kien iqum qabli u joħroġ. Ma ridtx inqajmu għaliex ħsibt li forsi xtaq jorqod aktar. Ħriġt għall-quddies, qattajt xi ħin ma' xi ħbieb tieghi, u qabel mort id-dar, għaddejt s'għand ommi u missieri. Malli għidt lil ommi li x'ħin ħriġt iz-ziju kien għadu rieqed*

*inkwetat xi ftit u qaltli biex ma ndumx ma mmur lura ħalli nserrħilha rasha li kien kollox sew.*

*X'ħin mort lura d-dar sibtu għadu fis-sodda u x'ħin mort inċaqalqu ma bediex iwieġeb. Qabadni paniku kbir, u wara li għidt lil ommi u lil missieri mort l-Għassa tal-Pulizija sabiex nirrapporta dak li ġara. Niftakar li l-għassa kienet ġiet miegħi Eleonor, it-tifla tal-ġara u li l-pulizija kienu sejħu t-tabib tal-poliklinika u ġew kollha d-dar.*

*Mal-mewt taz-ziju jien komplejt ngħix id-dar li fiha kienu għexu n-nanniet. Ommi, missieri u oħti kienu baqgħu jiġu regolarment, u xi kultant kont immur id-dar tagħhom għall-ikel. Għal dak li jirrigwarda l-ħasil tal-ħwejjeġ ommi ħasset illi kien aktar jagħmel sens illi taħsel kollox id-dar tagħha milli toqgħod tinqala' hi u dan għaliex ma kien hemm aktar bżonn illi tieħu ħsieb il-ħasil tal-ħwejjeġ taz-ziju.*

*Naf li mal-mewt taz-ziju, l-aħwa Said sidien il-kera ma ridux jaċċettaw aktar il-kera u jridu jkeċċuni 'l barra mid-dar fejn noqgħod, u naf ukoll li kienu kellmu lil ommi u l-missieri. Ommi u missieri ħadu ħsieb li jpoġġu l-kera l-Qorti. Jiena għadni ngħix fl-istess dar fejn ilni ngħix minn tfuliti kif anke' jidher biċ-ċar mill-korrispondenza annessa mill-Korporazzjoni għax-Xogħol u Taħriġ (ETC) u mid-Dipartiment tat-Taxxa (annessi Dok. BP7 u Dok. BP8)."*

Illi missieru, **Gaetano Pirotta,** qal:

*"L-aħwa Said li fetħu l-kawża jiġu kuġini tal-mara tiegħi Pauline. Naf illi l-ġenituri tal-mara tieħi kienu ħadu b'kera l-post fejn jgħix it-tifel, id-dar bin-numru 39, Triq Santa Maria, Qormi mingħand terza persuna li eventwalment kien biegħ l-istess dar lill-missier l-aħwa Said, Saver Said.*

*Omm il-mara u speċjalment missierha Georg, kienu mogħmija fuq it-tifel tagħna Brian, u kienu jkunu jriduh kważi l-ħin kollu hemm magħhom, dejjem ma' djul in-nanniet. Kienu jwassluh l-iskola u wara jmur lura għandhom, u ġieli jorqod hemm ukoll. Ftit wara illi Brian għalaq ħames snin mar joqgħod magħhom u tista' tgħid*

*rabbewh huma. Flimkien m'omm u missier il-mara kien baqa' jgħix ġol-istess dar ħu l-mara Charles, li kien baqa' ġuvni.*

*Wara l-mewt tan-nanniet, Brian baqa' jgħix ma' zijuh fl-imsemmija dar. Minn dak iż-żmien 'l quddiem jiena, l-mara u t-tifla konna nqattgħu aktar ħin fid-dar ta' fejn kienu jgħixu ħu l-mara u t-tifel, għaliex il-faċendi waqgħu kollha fuq il-mara. Il-mara kienet tieħu ħsieb taħsel il-ħwejjeġ u ssajjar għal kulħadd minn ġewwa l-imsemmija dar. Jiena, l-mara u t-tifla konna nieklu hemm, ħafna drabi, flimkien ma' Brian u Charles.*

*Għal numru ta' snin wara l-mewt ta' George, in-nannu tat-tifel, il-kera tad-dar konna mmorru nħallsuha jiena u Charles, Ħaż-Żabbar għand Joseph Said, wieħed mill-aħwa illi fetħu l-kawża. Kien ma' dan biss illi Charles kien qisu jmur mhux ħażin, għaliex ma' l-aħwa l-oħrajn kien miksur wara li daħħluh il-Qorti minħabba l-ipparkjar ta' karozzi quddiem id-dar fejn xi ħadd minnhom kellu xi garaxx. Niftakar li għall-Qorti, Charles Said kien qabbad lill-avukat George Abela. Għalhekk mhux minnu dak li jgħidu l-aħwa Said fl-affidavits tagħhom li kienu biċċa waħda ma' Charles Said u li kien jiftaħ qalbu magħhom. Dan kollu jista' jikkonfermah, l-aqwa ħabib ta' Charles Said, li kien jaħdem miegħu ukoll is-Shipbuilding, Vinċe Tonna. Charles u Vince dejjem kienu jkunu d-djar ta' xulxin u jista' jikkonferma illi t-tifel kien jgħix flimkien ma' zijuh.*

*Sfortunatament, Charles miet ħabta u sabta anqas minn tlett snin waraa li kienet mietet ommu. Kien Brian illi sabu mejjet fis-sodda u rrapporta dan l-Għassa tal-Pulizija. Niftakar illi kien ġie t-tabib tal-poliklinika u ċċertifika lil Charles mejjet.*

*Ftit jiem biss wara d-difna ta' Charles Said, għall-bidu ta' Novembru 2006 irċevejna ittra bl-avukat tal-aħwa Said permezz ta' liema kienu qed jinfurmawna illi riedu lura d-dar fejn jgħix Brian u li ma kienux ser jaċċettaw il-kera. Jiena kont kellimt lil Profs. Guido De Marco li mexxieni*

*minn hemm hekk u bdejna niddepożitaw l-kera l-Qorti f'isem it-tifel.*

*Fl-istess żmien kienu ġew ikellmu lili u l-mara, erbgħa mill-aħwa Said biex it-tifel joħroġ mill-post fejn kien qiegħed jgħix. Saħansitra riedu joffruli somma flus bħala kumpens iżda meta raw illi ma konniex ser naċċettaw il-proposta tagħhom nqala' argument jaħraq. It-tifel kien qalli illi huwa ried jibqa' jgħix fil-post illi fih kien trabba man-nanniet u z-ziju tiegħu għaliex għalih dik kienet id-dar tiegħu.*

*Brian issa beda jaħdem u allavolja wara x-xogħol jgħaddi ħdejna, u ġieli anke' jiekol magħna huwa dejjem jitlaq lejn daru. Jiena u l-mara qatt ma ppretendejna illi għandna xi jedd fuq id-dar illi fiha jgħix it-tifel tagħna."*

Illi huma ġew kontro-eżaminati fis-seduta tat-12 ta'April 2010.

Illi ħbieb tal-familja u familjari tal-konvenuti xehdu, fis-seduta tal-15 ta' Gunju 2009,li Brian Pirotta kien ilu jgħix ma' żijuh. Il-konvenuta **Pauline Pirotta** fl-affidavit tagħha (a fol. 93) qalet tista' tgħid l-istess fatti li qal żewġha; sfortunatament hija mietet fil-mori tal-kawża u ma sarx kontro-eżami tagħha.

Illi ġew esebiti diversi dokumenti rigwardanti l-konvenut Brian Pirotta; kont bankarju tiegħu li jmur lura mill-2005 li jindika l-fond in kwistjoni bħala indirizz tiegħu; madankollu mbagħad skond il-kontijiet tal-konsum tal-elettriku u l-ilma tal-fond in kwistjoni kienet toqgħod biss persuna waħda fih u dak tal-fond fejn joqogħdu l-konvenuti konjuġi Pirotta juri erbgħa persuni (il-konjuġi u żewġ t'itfal).

Illi kif wieħed jista' jara allura hemm provi konfliġġenti. F'ġudizzju ċivili l-Qorti trid tiddeċiedi fuq *il-preponderanza tal-probabiltajiet* (**"Zammit vs Petroccochino"** – Appell Kummerċjali, deċiż fil-25 ta' Frar 1952); il-Qorti allura jeħtieġ li tara jekk verżjoni waħda teskludix lill-oħra fuq bilanċ ta' probabbiltajiet; *"B'hekk jiġi evitat ir-riskju li l-Qorti taqa' fuq l-iskappatoja tad-dubju u ssib refuġju mir-*

*regola in dubio pro reo”* – **“Enrico Camilleri vs Martin Borg”** – (Appell Inferjuri, deċiża fis-17 ta’ Marzu 2003).

*In subjecta materia*, il-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) qalet hekk fil-kawża **“Carmelo Agius vs John Agius” –** (deċiża fit-2 ta’ Diċembru 1994):

*“Il-konvenut irid jipprova li:*
*1. hu kien membru tal-familja;*

*2. u li hu kien joqgħod mal-inkwlina fiż-żmien tal-mewt tagħha.*

*Il-liġi bl-artikolu 2 (tal-Kap. 69) ma tesiġi ebda minimu ta’ żmien ta’ ko-abitazjoni biex membri tal-familja tal-inkwilin ikollhom dritt favur tagħhom għar-rilokazzjoni tal-post lokat; iżda trid biss li dawn il-membri ‘jkunu joqogħdu’ mal-inkwilin oriġinali. Fin-nuqqas ta’ definizjoni fil-liġi il-kelma ‘toqgħod” trid titqies fis-sinifikat ordinarju tagħha, ċjoe’ li wieħed ikun joqgħod permanentement fil-post u li wieħed jikkonsidra l-post bħala r-residenza ordinarja u normali tiegħu. (ara s-sentenza **“Cutajar vs Rapa”**, Prim Awla tal-Qorti Ċivili, deċiża fis- 17 t’Ottubru 1972).*

*L-element tar-residenza ġie nterpretat mill-ġurisprudenza tagħna fis-sens li mhux biżżejjed li jkun hemm ‘mere physical presence’ imma l-post kien ‘permanently his ordinary residence’ u ‘his only residence’.”*

Illi fil-każ in eżami m’hemmx dubju li l-konvenut għandu jkun ritenut membru tal-familja tal-kerrej. Il-kwistjoni hija biss jekk kienx joqgħod ma’ zijuh meta dan ġie nieqes kif trid il-liġi u kif spjegat.

Illi kollox ma’ kollox il-Qorti jidhrilha li filwaqt li l-konvenut ressaq biżżejjed provi biex juri li huwa kien ikun jirrisjedi għand zijuh, jeżistu wkoll indizji għall-kuntrarju. *Oltre* d-diversi persuni li xehdu, għalkemm dawn kienu reġimentati fil-mod kif xehdu, żewġ dokumenti juru li dan kien minnu; il-kont bankarju tal-konvenut (fejn kien jirċievi l-istipendju) li juri li sa mill-2005 dak kien l-indirizz tiegħu, u l-karta tal-identita’ li sa minn dik is-sena ukoll tindika

dan. Kontra ta' dan wieħed jirrimarka li l-kontijiet tad-dawl u l-ilma tal-familja Pirotta jindikaw li hemm erbgħa persuni jgħixu hemm (għalhekk il-konjuġi Pirotta u ż-żewġ uliedhom fosthom il-konvenut) u l-ispezzjoni tal-uffiċjal tal-Awtorita' tad-djar li qal li mar fl-2007 fuq il-fond u ma sab lil ħadd anzi sab ħafna *leaflets* u karti li ndikawlu li hemmhekk ma kien joqgħod ħadd.

Il-Qorti wara illi ħasbet fit-tul tasal għall-konklużjoni li kif qalet il-Qorti fl-aħħar każ imsemmi, filwaqt li l-konvenut kien ikun preżenti ħafna fil-fond imsemmi, dan ma kienx **l-uniku post ta' residenza tiegħu** u kien jaqsam il-ħin bejn fejn joqogħdu l-ġenituri tiegħu u żijuh li kien ġuvni u jgħix waħdu.

Illi fil-kawża **"Camilleri vs Borg"** fuq imsemmija, il-Qorti tal-Appell iċċitat u qablet ma' deċiżjoni tal-Prim Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **"Vincent Rausi vs Joseph Muscat"** (deċiża fit-22 ta' Novembru 1995) fis-sens li f'tali sitwazzjoni l-ġudikant ma jistax jiddeċiedi aktar fuq preponderanza ta' probabbilitajiet iżda fuq il-prinċipju *actor non probante, reus absolvitur* u għalhekk il-kawża tinqata' kontra l-attur. Fil-każ in eżami pero', il-piż tal-prova kien fuq il-konvenut għaliex huwa kellu jġib il-prova tat-titolu tiegħu. Għalhekk fil-fehma tal-Qorti hija għandha tilqa' t-talba attriċi billi l-konvenut naqas li jipprova li kellu titolu validu biex jgħix fil-post in kwistjoni.

**DEĊIŻJONI**

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiddeċiedi l-kawża billi filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenut tilqa' t-talbiet attriċi u għall-fini tal-iżgumbrament tipprefiġġi terminu ta' tlett xhur.**

**L-ispejjeż fiċ-ċirkostanzi jkunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------